MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2010

Rikors Numru. 27/2008

**Laura Peregin**

***kontra***

**Prim'Ministru, Ministru tas-Sahha, Tabib Principali tal-Gvern, Supretendent ta' l-Isptar Mater Dei u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors prezentat fl-20 ta' Mejju 2008 fejn ir-rikorrenti bil-gurament taghha tghid hekk –

*1. Illi r-rikorrenti kienet tahdem ghal snin twal fl-Isptar San Luqa meta hija kienet ossessjonata li*

*tirrapporta kull abbuz fl-Isptar San Luqa dwar hela ta' oggetti, serq u dan kienet taghmlu billi kienet tirrapporta lill-istess superjuri taghha u per konsegwenza ta' din l-imgieba hija giet impoggija f'qaghda u f'kundizzjoni impossibbli biex topera x-xoghol taghha ;*

*2. Illi per konsegwenza ta' dan, l-intimati flok hadu passi dwar ir-rapporti li kienet taghmel ir-rikorrenti, spiccat li hija giet kostretta u f'sitwazzjoni forzata fejn giet mghoddija bord mediku bil-konsegwenza li dan il-bord mediku ddecieda li hija ma kenitx iktar kapaci ghax-xoghol fis-servizz pubbliku ;*

*3. Illi r-rikorrenti ghamlet kull sforz possibbli matul dawn l-ahhar snin u in partikolari bejn l-2004 u llum li terga' tiddahhal ix-xoghol u tinghata l-kumpens finanzjarju minhabba decizjoni ngusta tal-bord mediku, imma xorta baqghet minghajr smigh xieraq u minghajr rimedju finanzjarju ;*

*4. Illi fil-protest taghha r-rikorrenti tal-11 ta' April 2008 talbet lill-intimati biex jirrimedjaw mill-aktar fis il-pregudizzju li baqghet issofri r-rikorrenti ghal-liema protest l-intimati fil-kontro-protest tal-21 ta' April 2008 qalu li t-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox infondati u minghajr bazi u ghalhekk il-pretensjoni ghall-kumpens finanzjarju hija wkoll minghajr bazi u nfondata ;*

*5. Illi ghalhekk hija giet imcahhda minn smigh xieraq u aktar rimedju finanzjarju adegwat u lid an imur kontra l-istess kostituzzjoni ta' Malta u l-konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem ;*

*6. Illi fit-tliet ezamijiet indipendenti minn tliet specjalisti li huma Dr. Peter Muscat, Dr. J. Vella Baldacchino u Dr. Joseph Spiteri, kollha consultant*

*psychiatrists jikkonkludu, "she is fit to remain in employment in the public service" ;*

*1. Ghaldaqstant din il-Qorti hija mitluba li t-terminazzjoni ta' l-imsemmija rikorrenti fis-servizz pubbliku gie terminat minghajr ma r-rikorrenti nghatat id-dritt ghal smigh xieraq u imparzjali liema agir imur kontra l-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artiklu 6 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

*2. Tordna li l-imsemmija rikorrenti terga' tidhol per konsegwenza fl-impjieg taghha fis-servizz pubbliku ;*

*3. Tillikwida d-danni lilha sofferti minhabba l-agir mit-terminazzjoni taghha ;*

*4. Tordna li r-rikorrenti jew min minnhom hu responsabbli biex ihallas lir-rikorrenti dak l-ammont hekk likwidat ;*

*5. Bl-ispejjez u bl-imghaxx legali mid-data tal-protest ufficcjali tal-11 ta' April 2008.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku tad-dokumenti esebiti minnha.

Rat ir-risposta tal-intimati prezentata fit-2 ta' Gunju 2008 li taqra hekk -

*Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma fis-sens illi t-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti mas-servizz pubbliku saret minghajr ma r-rikorrenti nghatat id-dritt ghal smigh xieraq u imparzjali liema agir allegatament jivvjola l-*

*Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

*Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal premess in-nomenklatura Direttur Generali tas-Sahha ma hix korretta stante illi ai termini ta' l-Ordinanza dwar l-Organizazzjoni tad-Dipartiment tas-Sahha r-rapprezentant guridiku ta' dan id-Dipartiment huwa t-Tabib Principali tal-Gvern ;*

*Preliminarjament, illi l-Prim Ministru, il-Ministru tas-Sahha, is-Supretendent ta' l-Isptar Mater Dei u l-Avukat Generali mhumiex il-legittimu kontradditur ghall-azzjoni a tenur ta' l-Artikolu 181B tal-Kap. 12 kif ukoll peress illi l-lanjanza tar-rikorrent tirrigwarda decizjoni amministrattiva li fiha hadd minn dawn ma kien partecipi ;*

*Illi preliminarjament it-talbiet tar-rikorrenti huma frivoli u vessatorji stante illi r-rikorrenti kellha tezawrixxi r-rimedji ordinarji sabiex tindirizza l-lanjanza taghha stante illi l-via kostituzzjonali hija via straordinarja ;*

*Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal premess l-azzjoni tar-rikorrenti hija intempestiva stante illi n-natura ta' l-allegazzjoni tar-rikorrenti tistieden azzjoni civili ordinarja cioe' dik prevista taht l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn tigi adita dina l-Onorabbli Qorti f'Sede Kostituzzjonali ;*

*Illi ai termini ta' l-Artikolu 469A (6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili 'servizz mal-Gvern hu rapport specjali regolat b'disposizzjonijiet specjali specifikament applikabbli ghalih u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn zmien ghal zmien mill-Gvern' ;*

*L-esponenti jaghmlu referenza ghas-sentenza pronuncjata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998, fl-ismijiet '**Carmelo sive Charles Magri vs Kummissarju tal-Pulizija**' illi "L-impjieg fis-servizz pubbliku u l-kondizzjonijiet kollha li jemana minn tali kuntratt, hu ssalvagwardat u ggarantit mill-Kostituzzjoni li tipprovdi ghat-twaqqif ta' Kummissjoni biex tirregola l-ingagg, it-tkeccija, id-dixxiplina kif ukoll cirkostanzi ohra konnesi ma' l-istess servizz" kif ukoll illi "F'dan ir-rigward il-Kostituzzjoni nfisha gustament u sewwa kkreat il-makkinarju biex jigu rregolati r-relazzjonijiet bejn l-Esekuttiv u s-servizz pubbliku fil-Kapitolu X taghha, b'mod partikolari fit-twaqqif tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku" ;*

*Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-'boarding out' ta' impjegata fis-servizz pubbliku minhabba l-fatt illi hija ma tkunx fizikament jew mentalment kapaci illi twettaq dmirijietha sew ma jinvolvi l-ebda determinazzjoni ta' dritt jew obbligu civili u ghalhekk l-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropeja huma fi kwalunkwe kaz inapplikabbli ghall-kaz odjern ;*

*Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-allegazzjonijiet vantati mir-rikorrenti huma ghal kollox infondati stante illi l-process adottat mill-intimat Tabib Principali tal-Gvern kien wiehed gust fic-cirkostanzi u bl-ebda mod ma gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif qed tippretendi hi u ghalhekk il-pretensjoni ta' kumpens hija nfondata wkoll. Ir-rikorrenti giet "boarded out" mis-servizz wara li nhatar il-bord mediku li semaghha, ezaminaha u ddecieda illi hija ma kinitx f'pozizzjoni li tkompli fl-impjieg taghha fis-servizz pubbliku ;*

*Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess kuntrarju ghal dak pretiz mir-rikorrenti dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni tordna illi r-*

*rikorrenti illi terga’ tidhol ghax-xoghol u dana stante illi tali decizjoni ma hijiex il-mansjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti izda hija wahda li, skond l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni tispetta lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jopponu t-talbiet tar-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tas-6 ta` Gunju 2008 (fol 20) fejn ordnat il-korrezzjoni ta` isem l-intimat “*Direttur Generali tas-Sahha*” biex jigi jaqra “*Tabib Principali tal-Gvern*”.

Rat is-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-27 ta` Frar 2009 (fol 28 sa 34) fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, cahdet ir-raba` u l-hames eccezzjonijiet li kienu jaqraw hekk -

*Illi preliminarjament it-talbiet tar-rikorrenti huma frivoli u vessatorji stante illi r-rikorrenti kellha tezawrixxi r-rimedji ordinarji sabiex tindirizza l-lanjanza taghha stante illi l-via kostituzzjonali hija via straordinarja ;*

*Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal premess l-azzjoni tar-rikorrenti hija intempestiva stante illi n-natura ta’ l-allegazzjoni tar-rikorrenti tistieden azzjoni civili ordinarja cioe’ dik prevista taht l-Artikolu 469A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn tigi adita dina l-Onorabbli Qorti f’Sede Kostituzzjonali.*

Qieset il-provi tar-rikorrenti li kienu dawn : id-dokumenti LP1 sa LP4 esebiti mar-rikors promotur (fol 4 sa 11), ix-xhieda bl-affidavit taghha (fol 39), id-dokumenti PLA1 sa PLA3 (fol 48 sa 66), id-dokumenti AF1 sa AF3

(fol 75 sa 77), ix-xhieda *viva voce* ta` Dr. Frank Bartolo (fol 82 sa 88), ta` Dr. Joseph Vella Baldacchino (fol 89 sa 90), u ta` Dr. Joseph Spiteri (fol 91 sa 94).

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta` Frar 2010 (fol 95) fejn ir-rikorrenti ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

Qieset il-provi tal-intimati li kienu dawn : l-affidavit ta` Dr. Joseph Cassar (fol 98) u r-rapport li kien anness Dok.JC1 (fol 99 sa 104), ix-xhieda *viva voce* ta` Dr. Joseph Saliba (fol 107 sa 109) u ta` Dr. David Cassar (fol 110 u 111), l-affidavit ta` Dr. John Mary Cachia (fol 113) u d-dokumenti annessi mal-istess (fol 114 sa 123). Il-kontroezami ta` dan l-ahhar xhud sar fl-udjenza tas-17 ta' Mejju 2010 (fol 125A sa 128).

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar mid-difensuri tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-10 ta' Gunju 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-28 ta' Ottubru 2010.

Rat id-digriet taghha moghti kameralment fil-21 ta' Ottubru 2010 fejn irrikjamat il-kawza ghal-lum sabiex taghti s-sentenza.

**Ikkunsidrat :**

Din li gejja hija l-**<u>kronaka tal-fatti</u>** misluta abbazi tal-assjem tal-provi akkwiziti :

Wara s-sena 2000, ir-rikorrenti kienet tahdem fl-Isptar San Luqa bhala *hospital auxiliary* ghalkemm kienet ilha f`dak ix-xoghol bnadi ohra fid-Dipartiment tas-Sahha sa mill-1990. Meta kienet l-Isptar San Luqa, kienet tirrapporta dak kollu li fil-fehma taghha kien abbuz bhal hela u serq. Skond ir-rikorrenti, mhux biss hadd ma ta kaz tal-ilmenti taghha izda ttiehdu passi kontra taghha. Fl-ahhar ghaddewha bord mediku. Ir-rikorrenti tghid li la nghatat smigh xieraq u lanqas udjenza. Wara d-decizjoni tal-bord mediku, tghid ir-rikorrenti, spiccat mill-impieg u ghalhekk garrbet telf finanzjarju ghax hi bdiet tiehu biss pensjoni tal-invalidita`.

Irrizulta bhala fatt li d-Dipartiment tas-Sahha hatar bord mediku sabiex iqis jekk ir-rikorrenti kenitx *medically fit* biex taqdi d-dmirijiet taghha. Fid-decizjoni tieghu tal-1 ta' Settembru 2003, dan il-bord sab li r-rikorrenti kienet *unfit for any employment in Government Service.* Ghalhekk id-Dipartiment tas-Sahha kiteb lir-rikorrenti fis-6 ta' Ottubru 2003 (Dok.AF2) fejn avzaha li *you have been recommended to be Medically Boarded Out from Government Services* b'effett mill-1 ta' Settembru 2003.

B`ittra tal-avukat taghha tat-13 ta' Ottubru 2003 (Dok.AF3), ir-rikorrenti ddikjarat ma kenitx qeghda taccetta d-decizjoni tal-Bord Mediku u li kienet qeghda tappella minnha. Talbet ukoll il-hatra ta' bord iehor sabiex issostni l-appell taghha.

Min-naha tal-intimati jinghad li Dr. John Cachia, li kien Direttur tas-Sahha Istituzzjonali fid-Dipartiment tas-Sahha, kien hatar lill-Psikjatri Dr. Joseph Cassar, Dr. David Cassar u Dr. Joseph Saliba sabiex ihejju rapport psikjatriku dwar ir-rikorrenti. L-ezami kliniku tar-rikorrenti sar fl-1 ta' Settembru 2003 fil-presenza tat-tabib taghha Dr. Michael Farrugia. Ir-rapport bil-konkluzjonijiet ta` dan il-bord huwa markat Dok.JC1 u kien konfermat bil-gurament mit-tliet specjalisti.

Dwar dan ir-rapport, l-ewwel parti tittratta dwar il-kondotta tar-rikorrenti fuq ix-xoghol u dwar proceduri ta` dixxiplina li fihom kienet involuta bejn l-24 ta' Lulju 1992 u l-4 ta` Lulju 2003. Fil-konkluzjonijiet taghhom, it-tliet specjalisti jaghmlu dan il-kumment -

*Ms. Peregin presents with a very long history of disciplinary problems, interpersonal problems, especially insubordination with senior staff and more recent paranoid and grandiose ideation. Her disciplinary problems have lead to several fines at work and a more recent criminal conviction. The recent escalation in grandiose ideation has reached pathological propotions, but it is not grounded in a systematised delusional framework.*

It-tieni parti tar-rapport tittratta l-*medical assessment* tar-rikorrenti. Fost il-kummenti, wiehed isib li (fol 103) *she showed extremely poor capacity to modulate her emotions and behaviour, and it was only through the constant, patient intervention of the Hon Dr M Farrugia and the Medical Board`s level of tolerance that the assessment proceeded uneventfully to completion.*

It-tielet parti tar-rapport huma l-konkluzjonijiet tal-bord li jistabilixxi li r-rikorrenti *suffers from a personality disorder, most likely an Emotionally Unstable Personality Disorder-Impulsive Type.* Ghaldaqstant huma jghidu hekk -

*This lady has had a long catalogue of difficulties and inabilities to integrate into a wide range of work settings in the context of her emotional and behavioural problems stemming directly from her personality and intellectual difficulties. It is clear that she is unfit to work in the usual settings to which she has been exposed. Given, however, that she is as much a victim of her own problems it may be a humanitarian consideration to give her a last chance to work by placing her on "after hours" cleaning duties in a location where she would have minimal opportunity for*

*interaction with others. If even this fails there would really be no option but to board her out on medical grounds as permanently unfit for further duties.*

Fl-affidavit tieghu (fol 113) Dr. John Mary Cachia xehed li wara r-rapport tal-bord mediku u wara l-ittra tal-avukat tar-rikorrenti fejn inghad li riedet tappella mid-decizjoni tal-bord mediku, il-kaz kien riferut lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ("il-Kummissjoni") peress li r-rikorrenti kienet impjegata tal-Gvern u l-impieg seta' jkun terminat mill-Kummissjoni. B`ittra tal-20 ta' Ottubru 2003 (fol 117) l-avukat tar-rikorrenti kien infurmat li l-kaz skond l-ittra tieghu tat-13 ta' Ottubru 2003 kien gie riferut lill-Kummissjoni u allura *any further representations should henceforthg be referred to the Public Service Commission.*

<u>Wara</u> li kien maghruf ir-rapport tal-bord mediku, ir-rikorrenti kienet ezaminata f`temp ta' xahrejn minn erba` tobba psikjatri fuq istanza taghha. Skond certifikat tat-Tabib Psikjatra Abraham Galea tas-16 ta' Lulju 2004 (Dok.LP5) jinghad li *on psychiatric grounds there is a place for reassessment* tat-talba taghha li tiddahhal lura ghax-xoghol. Skond certifikat tat-Tabib Psikjatra Joseph Vella Baldacchino tas-16 ta' Lulju 2004 (Dok.LP7) jinghad li r-rikorrenti hija *fit to resume work forthwith. I therefore recommend that the medical panel reviews her case.* Skond certifikat tat-Tabib Psikjatra Peter Muscat tas-26 ta' Lulju 2004 (Dok.LP6) jinghad li *she is fit to remain in employment in the public service.* Skond certifikat tat-Tabib Psikjatra Joseph Spiteri (Dok.LP8) tal-5 ta` Awissu 2004 jinghad li *although she has slightly lowish IQ, Ms. Peregin is capable of managing her own affairs. At present she is not on any medication.* Il-psikjatri Joseph Vella Baldacchino u Joseph Spiteri kkonfermaw ic-certifikati taghhom bil-gurament.

Huwa evidenti mill-ittra tal-20 ta' Novembru 2003 (Dok.JM6) li d-Direttur Generali tas-Sahha (fol 119)

baghat lis-Segretarju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li d-Dipartiment ma segwiex ir-rakkomandazzjoni tal-bord mediku *to give her a last chance to work by planning her on "after hours" cleaning duties in a location where she would have minimal opportunity for interaction with others* ghar-raguni li kif jinghad fl-ittra *Ms. Peregin had already in the past (1994, 1995) been granted to work in such an environment. She was assigned to the cleaning of the distruict clinics where she would attend on her own without any contact with any other member of staff. This too resulted in serious behavioural problems.* Ghalhekk kienet il-fehma tad-Dipartiment li *there is no other alternative but to retire Ms. Peregin on proved medical grounds.*

Fix-xhieda tieghu in kontroezami Dr. John Mary Cachia jghid a fol 126 li *from the management point of view kien hemm ragunijiet kogenti biex inti ma thallix persuna b'dawk it-tip ta' kummenti* (b'riferenza ghal dak li qal il-bord mediku) *li kien hemm illi tagixxi kwazi b'mod indipendenti.* Bhala fatt, l-aspett tal-management ma kienx jaqa` fil-*brief* tal-bord mediku.

Il-Kummissjoni approvat ir-rakkomandazzjoni tad-Dipartiment u hekk kien konfermat mill-Prim'Ministru (ara Dok.JM5 a fol 118) u ghalhekk id-Dipartiment avza lir-rikorrenti b'ittra tat-28 ta' Jannar 2004 (fol 120) li b'effett mill-1 ta` Settembru 2003 kienet spiccat mis-servizz pubbliku "*on proved medical grounds".* Wara dik l-ittra kien hemm skambju ta' korrispondenza bejn l-avukat tar-rikorrenti u l-Kummissjoni (ara Dok.JM8 a fol 121). Minn dik l-ittra jirrizulta li *l-Kummissjoni regghet ikkunsidrat il-kaz u qablet li m'hemmx ragunijiet validi biex tibdel id-decizjoni taghha.* L-ittra tal-avukat tar-rikorrenti tat-22 ta` Settembru 2004 baqghet ma gietx esebita.

**Ikkunsidrat :**

Fis-sottomissjonijiet bil-fomm li ressaq id-difensur tar-rikorrenti qabel il-kawza thalliet ghas-sentenza, tressaq l-argument li ghalkemm ir-rikorrenti kienet mara fitta u allura kien difficli hafna sabiex tahdem tajjeb ma` haddiehor, xorta wahda kellha tistenna li d-drittijiet taghha jigu rispettati. Ghalkemm it-tliet psikjatri tal-bord qalu li r-rikorrenti ma kenitx *fit* erba` psikjatri ohra qalu diversament. Skond id-difensur tar-rikorrenti, quddiem il-bord mediku, hija ma kenitx inghatat id-dritt u l-opportunita' illi taghmel is-sottomissjoni taghha. Id-decizjoni tat-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrenti ttiehdet mid-Dipartiment tas-Sahha abbazi tar-rapport mediku. U din il-Qorti kellha kull dritt tissindaka dik id-decizjoni u cioe` kellha tara jekk kemm il-darba kellhiex ir-rikorrenti d-dritt li tinghata smigh xieraq biex finalment ikun deciz jekk ir-raguni ghat-terminazzjoni tal-impieg kenitx gusta jew le. Skond id-difensur tar-rikorrenti, id-dritt ghal smigh xieraq kien vjolat meta lanqas biss instemghet, ma thallietx taghmel sottomissjonijiet, lanqas kellha rapprezentanza u meta talbet li tappella mid-decizjoni tal-bord mediku kienet injorata.

Id-difensur tal-intimati wiegbet ghal dawn is-sottomissjonijiet billi sostniet li ghalkemm ir-rikorrenti kienet qed tattakka r-rapport tal-bord mediku ghax, skond hi, ma nghatatx smiegh xieraq, irrizulta fir-realta` li r-rikorrenti kienet dehret personalment quddiem il-bord, ghamlet is-sottomissjonijiet taghha u kienet akkumpanjata mit-tabib personali taghha. Fi kwalunkwe kaz, l-ebda wiehed mill-intimati ma seta' kien responsabbli ghat-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrenti, indipendentement mill-kwistjoni tas-smigh xieraq ghaliex ir-rikorrenti kienet impjegata tas-servizz pubbliku u ghalhekk ir-responsabilita` kienet taqa` fuq il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Hija din il-Kummissjoni li tapprova sabiex persuna tigi mpjegata fis-servizz pubbliku jew li ggib fi tmiemu impieg fis-servizz pubbliku. Pero` il-Kummissjoni ma gietx citata bhala intimat f`din il-kawza. Ghalkemm l-ittra fejn impieg mas-servizz pubbliku jigi terminat tohrog mill-Prim'Ministru id-decizjoni mhijiex tal-Prim`Ministru ghax dan huwa obbligat joqghod fuq dak li

tirrakkomanda l-Kummissjoni. Il-kompitu ta` l-Qrati huwa li jara jekk fid-decizjoni li hadet il-Kummissjoni kienux segwiti l-principji tal-gustizzja naturali. Issa fil-kaz tal-lum din il-Qorti ma tistax taghmel din l-indagni ghaliex il-Kummissjoni mhijiex intimata f`din il-kawza u lanqas r-rikorrenti mhijiex tikkontesta l-agir tal-Kummissjoni. Bhala fatt irrizulta li anke l-Kummissjoni tat smigh xieraq lir-rikorrenti.

**Ikkunsidrat :**

Bl-azzjoni taghha tal-lum, ir-rikorrenti tallega li fit-terminazzjoni tal-impieg taghha mis-servizz pubbliku kien hemm ksur da parti tal-intimati tal-Art.39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta ("il-Kostituzzjoni") u tal-Art.6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap.319 tal-Ligijiet ta` Malta) ["il-Konvenzjoni"] u ghalhekk talbet rimedju.

Mill-eccezzjonijiet (mhux numerati) tal-intimati, din il-Qorti tibda billi tislet dik li taqra hekk -

*Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-'boarding out' ta' impjegata fis-servizz pubbliku minhabba l-fatt illi hija ma tkunx fizikament jew mentalment kapaci illi twettaq dmirijietha sew ma jinvolvi l-ebda determinazzjoni ta' dritt jew obbligu civili u ghalhekk l-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja huma fi kwalunkwe kaz inapplikabbli ghall-kaz odjern.*

Il-kwistjoni tal-impiegi fis-servizz pubbliku kienet trattata mill-Qorti ta` Strasbourg fil-kawzi ta' *Pellegrin* (deciza fit-8 ta' Dicembru 1999) u *Frydlender* (deciza fis-27 ta' Gunju 2000) fost ohrajn. Dawn id-decizjonijiet huma rilevanti ghall-kaz tal-lum sabiex jigi determinat jekk fil-kaz tar-rikorrenti *rights and obligations arising out of employment in the public service* humiex eskluzi inkella le mill-operat tal-Art.6 tal-Konvenzjoni.

L-awturi **Van Dijk, Van Hoof, Van Rijn u Zwaak** fil-ktieb ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** (Fourth Edition – Intersentia – 2006) minn pag.531 sa 535 jittrattaw l-importanza tal-kawza *Pellegrin* ghar-raguni li fil-gurisprudenza ta` qabel kien hemm *a margin of uncertainty for Contracting States as to the scope of their obligations under Article 6 para.1 in disputes raised by employees in the public sector over their conditions of employment.*

Huma jiccitaw *Pellegrin* fejn inghad hekk –

*The Court therefore rules that the only disputes excluded from the scope of Article 6 para.1 of the Convention are those which are raised by public servants whose duties typify the specific activities of the public service in so far as the latter is acting as the depository of public authority responsible for protecting the general interests of the State or other public authorities … Accordingly no disputes between administrative authorities and employees who occupy posts involving participation in the exercise of powers conferred by public law attract the application of Article 6 para.1 …*

Van Dijk et, wara li jaghmlu enfasi fuq it-tajjeb ta' din is-sentenza ghax *it puts an end to the many uncertainties which its previous case law and that of the Commission on the matter had created*, ighidu ukoll li *by introducing the 'functional criterion` the Court gave rise to a new set of uncertainties and of possible unequal treatment.* Dan l-aktar sabiex jigi determinat *in each individual case whether the civil servants concerned "occupy posts involving participation in the exercise of powers conferred by public law".*

Ghalhekk jaccennaw ghall-kawza ta` *Frydlender* ghax hemm gara li persuna fl-istess posizzjoni li kellu

*Pellegrin* fil-kaz l-iehor kienet meqjusa bhala barra mill-kopertura tal-Art.6. Id-diffikultajiet iduru l-aktar mad-distinzjonijiet bejn posizzjoni u ohra fid-diversi sistemi guridici vigenti fil-pajjizi fejn il-Konvenzjoni taghmel parti mil-ligi taghhom anke ghaliex *Article 6 classifies rights and obligations and not the subjects or objects thereof.*

Skond Van Dijk et dak li certament hareg minn *Frydlender* huwa li *the Court indicated that it will apply the criterion of "acting as a depository of public authority" as an exception to the entitlement of civil servants to the protection of Article 6 in a restrictive way in accordance with the object and purpose of the Convention.*

[ara wkoll : **Harris, O`Boyle & Warbrick** - ***Law of the European Convention on Human Rights*** (Second Edition – Oxford University Press – 2009) pag. 220-221]

Issa fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti, li kienet impjegata fis-servizz pubbliku bhala "hospital auxilliary" u allura bhala fattiga, certament ma kellhiex tip ta' impieg tali li jikkwalifika bhala "*a depository of public authority"* inkella li jinvolvi "*participation in the exercise of powers conferred by public law".* Ghaldaqstant l-impieg ma kienx barra mill-operat tal-Art.6 para.1 tal-Konvenzjoni. Per konsegwenza, l-eccezzjoni fuq riferita qed tkun michuda.

**Ikkunsidrat :**

Il-premessa tar-rikorrenti hija li ma nghatax smigh xieraq fil-procedura li wasslet sabiex tigi *medically boarded out.* Il-kronoka tal-procedura segwita f`dan il-kaz tirrizulta mill-kwadru tal-fatti li din il-Qorti ttrattat qabel. Ir-rikorrenti sahqet l-aktar fuq id-decizjoni tal-bord mediku. Mill-provi akkwiziti, ma jirrizultax li sabiex wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu, il-bord naqas milli jaghti widen jew konsiderazzjoni ghal dak li kellha xi tghid ir-rikorrenti anke

tramite l-konsulent mediku taghha. Ir-rapport tal-bord mediku huwa elokwenti hafna. It-tliet specjalisti ma qaghdux semplicement fuq il-file tad-dipartiment li kien jigbor fih l-*employment history* tar-rikorrenti izda huwa evidenti li semghu dak kollu li kellha xi tghid ir-rikorrenti fil-presenza tat-tabib personali taghha li ha sehem attiv hafna fil-konduzzjoni tal-ezami kliniku, kif diga` din il-Qorti kellha okkazjoni tirrileva meta ccitat estratti mir-rapport tat-tliet specjalisti. Ghal din il-Qorti ma hemmx prova li l-konkluzjonijiet taghhom kienu motivati minn xi konstatazzjoni distorta dwar ir-rikorrenti. Din setghet ma taqbilx mal-konkluzjonijiet taghhom izda b'daqshekk ma jfissirx li ma tawhiex spazju jew addirittura ma tawx smigh xieraq lir-rikorrenti sabiex waslu ghad-decizjoni taghhom.

**Ikkunsidrat :**

Waqt it-trattazzjoni tal-kawza, huwa evidenti li r-rikorrenti bidlet l-istrategija taghha billi minn tentattiv sabiex thassar id-decizjoni tal-bord mediku ghaddiet sabiex tislet minn dik id-decizjoni punt wiehed li setghet tuza favur taghha ghall-fini ta' din l-istanza. Din il-Qorti qeghda tirreferi ghall-possibilita` li ghal ragunijiet umanitarji tinghata xoghol li ma jgibhiex f`kuntatt ma` persuni ohra bhala l-ahhar cans qabel tigi *medically boarded out*. Irrizulta mill-provi li ghal ragunijiet operativi u *on past experience* fil-kaz tar-rikorrenti, id-Dipartiment tas-Sahha ma accettax is-suggeriment tal-bord u rrakkomanda t-terminazzjoni tal-impieg *on medical grounds*. Din il-Qorti tghid li d-decizjoni tad-Dipartiment tas-Sahha li ma joqghodx fuq is-suggeriment tal-bord ma jaghtix sahha lill-argument tar-rikorrenti li ma kienx hemm smigh xieraq. Il-*brief* li kellu l-bord kien ta` natura medika mhux operativa. U ghaldaqstant bil-fatt li d-Dipartiment ma hax is-suggeriment tal-bord ma jirrendix l-azzjoni tad-Dipartiment bhala lesiva tad-drittijiet tar-rikorrenti.

Krucjali ghall-fini tal-istanza attrici u li, din il-Qorti tghid, kienet imwarrba ghal kollox mir-rikorrenti fl-

impostazzjoni taghha kien il-fatt li wara li r-rikorrenti gharrfet lid-Dipartiment tas-Sahha li riedet tappella mid-decizjoni tal-bord, il-kaz ghadda taht il-kompetenza tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Ghalkemm jirrizulta li r-rikorrenti kienet ben edotta li l-kaz taghha kien ghadda ghand il-Kummissjoni (kif del resto d-dokumenti esebiti ben jevidenzjaw) fil-provi taghha r-rikorrenti ma taccenna xejn ghal dak li sar quddiem il-Kummissjoni u ma tinkludix lill-Kummissjoni bhala intimata fl-azzjoni taghha. Una volta l-kaz taghha kien ghadda taht il-kompetenza tal-Kummissjoni, kien jinkombi lir-rikorrenti li tressaq l-ilmenti taghha hemm. Eppure r-rikorrenti ma taghmel l-ebda accenn ghal dawk il-proceduri u ma tressaq l-ebda allegazzjoni specifika li quddiem il-Kummissjoni kien vjolat id-dritt taghha ghal smigh xieraq. Bhala fatt jirrizulta li ressqet l-istanzi taghha quddiem il-Kummissjoni li pero` kien rigettati. Din il-Qorti tghid ukoll li l-fatt li l-Prim` Ministru kkonferma d-decizjoni tal-Kummissjoni ma taghmilx lill-Prim` Ministru l-legittimu kontradittur tar-rikorrenti ad eskluzjoni tal-Kummissjoni ghaliex il-Prim` Ministru huwa marbuta bir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni. Rilevanti anke ghall-kaz tal-lum hija s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Sultana vs Prim` Ministru**" deciza fis-27 ta' Gunju 2003 li din il-Qorti tabbraccja u ghalhekk taghmel riferenza ghaliha ghall-fini tal-kaz tal-lum.

Din il-Qorti tghid li ddur fejn iddur l-istanza tar-rikorrenti ma tistax timputa l-ebda ksur tal-Art.39 tal-Kostituzzjoni u tal-Art.6 tal-Konvenzjoni fil-konfront ta' l-intimati.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li ma tqisx aktar l-eccezzjonijiet li kienu decizi minnha kif diversament presjeduta fis-sentenza tas-27 ta` Frar 2009, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni li tissemma` fit-tieni paragrafu tar-risposta tal-intimati, u filwaqt li tichad l-eccezzjoni li tissemma` fit-tmien paragrafu tar-risposta tal-intimati, tilqa' l-**

**eccezzjonijiet l-ohra tal-intimati, u konsegwentement tichad it-talbiet tar-rikorrenti.**

**B'applikazzjoni tal-Art.223(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta'**
**Malta, tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------